

# Il-Mosta ċċelebrat il-Mitt Sena mill-XXIV Kungress Ewkaristiku

*Kitba u ritratti Victor B. Caruana*

Kien bix-xieraq li l-parroċċa tal-Mosta tiċċelebra il-Mitt Sena minn meta sar il- XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta bejn it-23 u 27 ta' April 1913. Dan il-Kungress kien ġie msejjaħ mill-Papa San Piju X. Dan il-Papa kellu mħabba kbira ħafna lejn l-Ewkaristija tant li kien magħruf bħala l-Papa tal-Ewkaristija.

L-ewwel persuna li ġieħ il-ħsieb li dan il-Kungress isur Malta kien il-Markiż Dott. Alfredo Mattei, li kien attenda l-aħħar Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Londra. L-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien Mons. Pietro Pace meta sema' li kien qed jitħejja biex isir dan il-Kungress tkellem mal-Markiż Mattei u kiteb lill-President tal-Kumitat Permanenti Mons. Tommaso Heylen, Isqof ta' Namur u offrielu li l-Kungress isir Malta. Dan laqa' l-proposta u bdew il-preparamenti.

Meta ddeċidew li l-Kungress kellu jsir Malta, riedu jiddeċiedu fejn kellhom isiru l-laqgħat il-kbar. Saru ħafna diskussjonijiet u fl-aħħar l-għażla waqgħet għal ġor-Rotunda. Hawn ukoll inqalgħu xi ntoppi għax ħafna argumentaw li l-Mostin li kienu batew tant biex bnew ir-Rotunda, ma kinux se jħallu lil-kungressisti jidħlu kollha biex imbagħad il-biċċa l-kbira min-nies jibqgħu barra.

Fil-5 ta' Jannar 1912 saret laqgħa kbira fuq iz-zuntier tal-knisja għall-Mostin. Dawn mhux talli aċċetaw anzi wħud saħansitra offrew darhom biex jilqgħu xi ospiti u jassikuraw unur hekk kbir. B'hekk ir-Rotunda inħatret il-lok ewlieni tal-Kungress fejn saru l-laqgħat importanti l-kbar. Il-Papa ħatar lill-Kardinal Domenico Ferrata biex jirrappreżentah fiċ-ċerimonji kollha.

## AttivitàJIET TA' TIFKIRA FIL-MOSTA

Saru diversi attivitàjiet fil-Mosta biex ġie mfakkar dan l-anniversarju minn kumitat apposta mmexxi mill-W.R. Arċipriet Dun Albert Buhagiar.

L-attivitàjiet bdew nhar is-Sibt l-20 ta' April 2013 b'kunċert mużikali fir-Rotunda fejn il-Banda Nicolò Isouard esegwiet *Messa Di Gloria* ta' Giacomo Puċċini.

Il- kunċert kien immexxi mis-Surmast Mro. Emm Spagnol b'arranġamenti tas-Surmast Emeritus Mro. Victor Zammit. Ħa sehem it-Tenur Charles Vincenti u l-Baxx Noel Galea. Il-Kor Bel Canto u l-Kor Nicolò Isouard kienu taħt it-tmexxija ta' Mro. Hermann Farrugia Frantz.

Nhar il-Ħadd filgħaxija 21 ta' April 2013 l-Arċisqof Emeritu Ġużeppi Mercieca kkonċelebra flimkien mal-Arċipriet Dun Albert Buhagiar, l-eks Arċipriet Mons. Jose Carabott u l-Kleru Mosti fir-Rotunda. Saret omelija mill-isbaħ dwar l-Ewkaristija bit-tema "Għamlu Dan B'Tifkira Tiegħi". Din saret mis-Saċerdot Mosti Dr. Paul Sciberras. Il-Kor Santa Cecilia u l-orkestra kienu taħt it-tmexxija ta' Mro. Edwin Zammit.

Fil-quddies ta' tmiem il-ġimgħa tas-27 u 28 ta' April, l-4 u l-5 ta' Mejju, l-11 u t-12 ta' Mejju saru Katakeżi fuq il-Quddiesa, fil-Knisja Arċipetali u fiż-Żoni. Nhar is-Sibt 27 ta' April, l-4 ta' Mejju, il-11 ta' Mejju, it-18 ta' Mejju, it-26 ta' Mejju u fl-aħħarnett fl-1 ta' Ġunju 2013 saret Adorazzjoni Solenni quddiem Ġesù Sagramentat mit-8.30pm. sal-10.30pm.

## AKKADEMJA MUŻIKO LETTERARJA FIR-ROTUNDA

Nhar il-Ħadd 28 ta' April 2013 saret Akkademja Mużiko-Letterarja fir-Rotunda taħt il-patroċinju tal-E.T. Mons. Emeritu Ġużeppi Mercieca. Ħa sehem il-Kor Santa Monica tal-Mosta, li esegwixxa ħafna siltiet mużikali sbieħ. Il-kor kien immexxi minn Sister Benjamina Portelli. Ippreżenta s-serata Dr. Manuel Schembri. Fr. Dr. Edgar Vella ta spjegazzjoni tal-Logo li ntuża waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u li ġie ddisjinat minnu.

Ġie ppreżentat feature dwar il-Mosta fil-Kungress Ewkaristiku tal-1913 ippreparat mill-istoriku Dr. George Cassar. Dr. George Cassar ipproduċa ktieb ta' tagħrif dwar dan il-Kungress u ppreżenta l-ewwel kopja lill-Arċipriet. Saru diskorsi tal-okkażjoni kemm mill-Arċipriet Dun Albert Buhagiar u mill-Arċ. Emeritu Ġużeppi Mercieca. L-Arċipriet ippreżenta tifkira tal-okkażjoni lill-Arċ. Emeritu. Attendew is-Sindku Dr. Shirley Farrugia, Kunsilliera u Membri Parlamentari.

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2013 saret laqgħa ta' tagħlim dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mill-E.T. Isqof Charles Scicluna fil-Katakumenju bis-suġġett : Il-Liturġija Tal-Kelma.



## QUDDIESA MILL-UNITÀ PARROĊĊA MADWAR IL-MOSTA

Din saret nhar il-Ġimgħa filgħaxija 17 ta' Mejju 2013 fil-Knisja Arċipetali.

Din kienet organizzata mill-Unità Parroċċi madwar il-Mosta, li huma n-Naxxar, Ħal Għargħur u l-Imġarr. Attendew kappillani, saċerdoti u nies minn dawn il-parroċċi. Wara l-Quddiesa saru mumenti ta' Adorazzjoni u purċissjoni bis-Sagrament madwar il-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2013 saret laqgħa oħra ta' tagħlim fil-Katakumenju mill-E.T. l-Isqof Charles Scicluna, li bħal laqgħa ta' qabilha attendew għaliha bosta nies. Is-suġġett kien: ''Il-Liturġija Fl-Ewkaristija''.

## JUM L-EWWEL TQARBINA IS-SIBT 25 TA' MEJJU 2013 U L-ĦADD 26 TA' MEJJU 2013

Fl-ewwel jum ingħata s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina lit-tfal taċ-Ċentri Oratorju Qalb ta' Ġesù , Marija Omm Il-Knisja, u Sant' Andrija. Fit-tieni jum kien imiss lit-tfal taċ-Ċentri Oratorju Marija Immakulata, Ġesù Feddej, u MUSEUM tas-subien u l-MUSEUM tal-bniet.

## FESTA TAL-ĠISEM IMQADDES TA' ĠESÙ IL-ĦADD 2 TA'ĠUNJU 2013

Fil-5pm saret it-talba tal-Għasar u Quddiesa Kantata .

Wara ħarġet il-purċissjoni bis-SS. Sagrament akkumpanjat mit-tfal tal-Praċett, il-fratelli, il-kleru u l-poplu.

## IL-ĠIMGĦA EWKARISTIKA

Nhar it-Tnejn saret adorazzjoni għat-tfal li jattendu l-Oratorju Qalb Ta' Ġesù, l-0ratorju Marija Immakulata, il-MUSEUM tas-subien, u l-MUSEUM tal-bniet fil-Knisja Arċipretali.



Nhar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa 3,4,5 ta' Ġunju sar quddies bil-kant u bil-prietka minn Fr. Martin Micallef OFM CAP fil-Knisja Arċipetali.

L-Erbgħa 5 ta' Ġunju saret adorazzjoni għat-tfal li jattendu ċ-Ċentri ta' Sant' Andrija fil-Kappella taċ-Ċentru.

Il-Ħamis 6 ta'Ġunju saret adorazzjoni għat-tfal li jattendu fiċ-Ċentru Marija Omm il-Knisja, fil-knisja Ta' Mlit.

Filgħaxija l-arċipriet Dun Albert Buhagiar qaddes Quddiesa Solenni fil-Kappella tal-Oratorju Qalb Ta' Ġesù għall-benefatturi ħajjin u mejtin. Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju sar nofstanhar ta' adorazzjoni bis-sehem tal-membri tal-Għaqdiet fil-Kappella tal-Oratorju Qalb Ta' Ġesù. Filgħaxija saret Quddiesa u Adorazzjoni għat-tfal taċ-Ċentru Ġesú Feddej.

Dakinhar filgħaxija saret Attività Djoċesana b'tifkira tal-Kungress. Din kienet Quddiesa fi Pjazza San Ġorġ il-Belt minn Mons. Arċisqof Paul Cremona. Wara saret purċissjoni għal fuq il-Fosos tal-Furjana, fejn ingħatat l-Barka Sagramentali.

Nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju kienet il-Festa tal-Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija. Fit-8.30pm bdiet katina ta' Rużarju sal-10.30pm bis-sehem tal-għaqdiet tal-Parroċċa fil-Knisja Arċipetali.

## IL-ĦADD 9 TA' ĠUNJU 2013 FESTA TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ

Din bdiet b'Quddiesa Kantata fid-9.30am u fil-5pm saret it-Talba tal-Għasar.

Fil-5.30pm saret Quddiesa Kkonċelebrata u wara ħarġet il-purċissjoni bis-SS.mu Sagrament, li fiha ħadu sehem it-tfal, il-fratelli, u l-għaqdiet reliġjużi, il-kleru u l-poplu. Ħadu sehem il-Baned Nicolò Isouard u Santa Marija. Fi tmiem il-purċissjoni sar it-tiġdid tal-konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ingħatat il-Barka Sagramentali.

Fl-istess ġurnata s-Sindku Dr. Shirley Farrugia inawgurat monument ta' tifkira fi Pjazza Rotunda.

B'hekk waslu fit-tmiem l-attivitàjiet organizzati mill-Parroċċa tal-Mosta b'tifkira tal-XXIV il-Kungress Ewkaristiku.

(Referenza: '' 100 Ilu : Il-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali U l-Mosta'' Kitba Dr. George Cassar) Ir-ritratti ttieħdu kollha minn Victor B. Caruana minbarra dawk tad-9 ta' Ġunju li huma ta' Mark Micallef.

# Mitt Sena mill-XXIV Kungress Ewkaristiku













